**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

6 ta' Mejju 2021

L-Onor Dr Anġlu Farrugia MP
Speaker tal-Kamra tad-Deputati

Bl-idejn u bl-email fuq
anglu.farrugia@parlament.mt

Mr Speaker,

Qiegħed nannetti ma dina l-ittra l-informazzjoni mitluba lilek mill-Onor Glenn Bedingfield permezz ta' xi mistoqsijiet parlamentari, inkluż il-kuntratti tal-impjegati tal-uffiċċju tiegħi u l-ittri tal-ingaġġ tal-konsulenti mqabbda minni. Inti liberu li tannettihom mar-risposta tiegħek kemm-il darba jirriżultalek li dina hija l-prattika f'talbiet simili u fid-dawl tar-restrizzjonijiet dwar protezzjoni tad-data.

Qiegħed nagħmel dan fl-interess tat-trasparenza, u bil-kunsens tal-impjegati u l-konsulenti tiegħi, għalkemm jidhirli li l-mod korrett skont kif għandu jiġi diskuss l-operat ta' l-uffiċċju tiegħi mhux permezz ta' mistoqsijiet parlamentari iżda skont l-artikolu 27(2) tal-Kap 570. Dan l-artikolu jistabbilixxi mekkaniżmu parlamentari biex tiġi miflija l-ħidma tiegħi bil-għan li jiġi żgurat li qed inwettaq id-dmirijiet tiegħi u li qed naħdem b'mod effiċjenti. Barra minn dan, l-artikolu 25 tal-istess Att jobbligani nippreżenta rapporti annwali lill-Parlament.

Dan qed jingħad ukoll għaliex jidher li hemm impressjoni ġenerali żbaljata li jiena uffiċjal tal-Parlament meta dan mhux konfortat mil-liġi. Niġbidlek l-attenzjoni għad-diverġenza bejn id-diċitura tal-Att Dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u dik li tirrigwarda t-twaqqif tal-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali. L-

artikolu 3 tal-Kap 385 u l-artikolu 108(2) tal-Kostituzzjoni rispettivament jispeċifikaw li l-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali huma uffiċjali tal-Parlament, filwaqt li l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika ma tinkludix lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bħala tali. *Ubi lex voluit dixit*. Mhux biss iżda dan is-suġġett ġie diskuss f'laqgħa tal-Kumitat Magħżul tal-Kamra tad-Deputati, presjedut minnek, fl-4 ta' Frar 2014, fejn ġie diskuss u deċiż li l-Kummissarju għall-Istandards m'għandux ikun uffiċjal tal-Parlament għar-raġunijiet li ġew spjegati dakinhar. Fil-fatt fl-abbozz mal-*White Paper* ta' Settembru 2012 il-proposta kienet li l-Kummissarju Parlamentari għall-Istandards (kif kien propost dak iż-żmien) għandu jkun uffiċjal tal-Parlament, mentri fl-abbozz tal-liġi tal-2017 tneħħiet.

Fit-3 ta' Mejju 2021 l-istess interpellant għamel diskors fil-ħin tal-aġġornament tal-Parlament fejn, għat-tieni darba, għamel numru ta' allegazzjonijiet dwar l-uffiċċju tiegħi. Inħossni fid-dover li nindirizza dawn l-allegazzjonijiet biex nevita aktar ħsara bla bżonn għall-istituzzjoni li jiena nirrappreżenta, u sabiex nipproteġi l-ħaddiema tal-uffiċċju tiegħi li bħal ħaddiema oħra m'għandhomx ikunu suġġetti għal attakki talli qed jaqdu dmirijiethom.

Fir-rigward tax-xufier tiegħi, jiena intitolat għal xufier bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-ħatra tiegħi u bil-paga approvata mill-Parlament fil-pjan finanzjarju relattiv. Jiena intitolat nagħmel użu mis-servizz tax-xufier fil-ħinijiet kollha. Wara li ġie stabbilit li l-paga tiegħu hija inqas minn ta' xufier ta' ministru jew segretarju parlamentari skont ir-regoli fil-manwal tal-Kabinett, intqal li x-xufier tiegħi ma jaħdimx daqs dak ta' ministru jew segretarju parlamentari. Nerġa' nfakkar li x-xufier tiegħi hu mħallas inqas minn ta' ministru jew segretarju parlamentari u mistenni jaħdem kuljum, mhux bħal xufier ta' ministru jew segretarju parlamentari li jaħdem ġurnata iva u ġurnata le.

Infakkar ukoll li x-xufier tiegħi oltre li jaqdi d-dmirijiet ta' xufier iwettaq xogħol ieħor tal-uffiċċju.

Mhux minnu li l-konsulent finanzjarju tiegħi instab ħati ta' negliġenza bħala awditur. Qatt ma ttieħdu ebda passi kriminali jew professjonali kontra tiegħu,. Bħala awditur ma kellux x'jaqsam mal-kont tal-Price Club u daħal fil-kawża ċivili dwar dan biss għax il-kawża saret kontra Deloitte u fiha ġew inklużi l-*partners* kollha tad-ditta.

Ebda tifel tal-konsulent legali tiegħi ma huwa membru tas-soċjetà ċivili Repubblika. U li kieku kien hekk dan ma jirrappreżentax konflitt ta' interess għall-konsulent, għas-sempliċi raġuni li konsulenti legali ma jiddeċidux każijiet. Bl-istess mod, il-fatt li t-tifel tal-konsulent legali tiegħek huwa kandidat għall-elezzjoni ġenerali ma' partit ma jqiegħedx il-konsulent legali tiegħek f'kunflitt. Dwar il-perċezzjoni ta' konflitt ta' interess, ta' min wieħed jikkunsidra jekk l-attakki vjolenti li qed isiru fil-konfront tiegħi f'dan il-Parlament b'mod konsistenti, humiex kompatibbli mal-irwol ta' min qed jagħmilhom bħala membru tal-kumitat parlamentari li jikkunsidra r-rapporti li nressaq quddiemu dwar sħabu d-deputati.

Fir-rigward tal-impjegati tal-uffiċċju tiegħi, nixtieq nosserva li fid-19 ta' April 2021 l-istess Onorevoli membru diġà kien għamel diskors fejn allega li membru tal-istaff tiegħi huwa taħt dell ta' korruzzjoni, iżda ma ta ebda dettalji biex jissustanzja din l-allegazzjoni. Fil-21 ta' April 2021 jiena ktibtlek biex ngħidlek li għamilt indaġni dwar dan u rriżultali li ma kien hemm xejn li jissustanzja l-allegazzjoni tiegħu. Madankollu, jiena stedintu biex jgħaddili dettalji jekk kien jidhirlu li kellu xi provi ta' dak li kien qed jgħid.

Jiddispjaċini nosserva li minflok ma laqa' din l-istedina, huwa reġa' għamel allegazzjonijiet dwar l-istaff tiegħi inkluż li xi ħadd minnhom tneħħa minn

kariga preċedenti minħabba allegazzjonijiet serji, u li xi ħadd (l-istess persuna jew persuna oħra) tella' kont ta' €3,000 fuq linja tat-telephone imħallsa minn fondi pubbliċi. Għal darb'oħra ma tax dettalji. Jiena erġajt għamilt indaġni u għal darb'oħra ma jirriżultali xejn li jissustanzja dawn l-allegazzjonijiet. Madanakollu, nerġa' nistieden lil min għamel dawn l-allegazzjonijiet jgħaddili dettalji, jekk jixtieq verament li jien ninvestiga dwar dak li qed jallega.

Fin-nuqqas ta' dan, l-unika konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha tkun li l-Onorevoli membru qiegħed jipprova konsistentement jimmina l-uffiċċju tiegħi billi jagħmel insinwazzjonijiet u akkużi infondati mhux kontrija biss iżda anki kontra l-impjegati tal-uffiċċju tiegħi, li qegħdin jiġu vvittimizzati talli qed jaqdu dmirijiethom bħal kull impjegat pubbliku ieħor.

Għal darb'oħra nitolbok tqiegħed din l-ittra fuq il-mejda tal-Kamra. Min-naħa tiegħi jiena se nippubblikaha permezz tas-sit tal-uffiċċju tiegħi.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika